

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid, aġent, assistit minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Lulju 2009, Lebedef vs Il-Kummissjoni (F-39/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) G. Lebedef għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2010 — Bianchin vs UASI — Grotto (GASOLINE)

(Kawża T-380/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċeduri għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali GASOLINE — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti GAS — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 38/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luciano Bianchin (Asolo, l-Italja) (rappreżentanti: G. Massa u P. Massa, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Montalto, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Grotto SpA (Chiuppano, l-Italja) (rappreżentant: F. Jacobacci, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-13 ta' Lulju 2009 (Każ R 1455/2008-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Grotto SpA u Luciano Bianchin.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Luciano Bianchi huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2010 — Wind vs UASI– Sanyang Industry (Wind)

(Kawża T-451/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Wind — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Wind — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Nuqqas ta' xebh tal-prodotti u tas-servizzi”)

(2011/C 38/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Harry Wind (Selfkant, Il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Sroka, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Sanyang Industry Co., Ltd (Hsinchu, It-Tajwan)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Settembru 2009 (Każ R 1470/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Harry Wind u Sanyang Industry Co., Ltd.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) H. Wind huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 24, 30.01.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Lebedef vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-52/10) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Leave annwali — Kollokament part-time għal finijiet ta' rappreżentanza sindakali — Assenza irregolari — Tnaqqis tal-jiem tad-dritt ta' leave annwali — Artikolu 60 tar-Regolamenti tal-Persunal”)

(2011/C 38/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Giorgio Lebedef (Senningerberg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)